Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,089, 21 ta' Lulju, 2023
Taqsima B

A.L. 189 tal-2023

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Xufiera Stazzjonati f'Malta

BIS-SAĦĦA tal-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Xufiera Stazzjonati f'Malta, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Xufiera Stazzjonati f'Malta, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 499.72.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu parzjalment id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020, li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Taħriġ.

8A. (1) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha tikkoopera fl-għoti ta' edukazzjoni u taħriġ lil kwalunkwe uffiċjal awtorizzat li jispezzjona, billi tibni fuq skemi ta' infurzar eżistenti.

(2) L-impjegatur mandanti għandu jkun responsabbli sabiex jiżgura li x-xufiera tiegħu jiksbu għarfien dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont dawn ir-regolamenti.".